# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 476/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Ellul**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Ellul, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 563777M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Novembru 2013 u fil-granet ta' qabel ghall-habta ta' 10:30hrs il-fond numru 16,'Snowy Owl', Triq l-Imdina, Hal Kirkop:

1. ibbalzma jew immonta lil xi ghasfur jew ghamilha ta' balzmatur, kemm ghal skopijiet kummercjali kemm ghal xi skop personali, jew kellu ghodda, kimici jew apparat iehor li

jintuza jew li normalment jintuza ghall ibbalzmar, minghajr licenzja mahruga mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 2 1(1) tas-SL 504.71.

2. Naqas milli jzomm registru li fih jindika b'mod car, id-data tar-registrazzjoni, is-sid ta' kull ghasfur jew ghasafar, l-indirizz, it-tip tal-ispeci tal-ghasfur jew ghasafar li ghandhom jigu bbalzmati u dawn id-dettalji kollha kontrasenjati mis-sid innifsu u dan bi ksur ta' regolament 21(3) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat

3. U aktar talli fi-istess data, hin, lok u cirkostanzi ibbalzma jew immonta lil xi ghasfur hlief dawk li huma inkluzi fi-Iskeda II, fi-Iskeda III tar-regolamenti ta' 2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-ghasafar Selvaggi (uhud inkluzi fi-Iskeda I),u dan bi ksur tar Regolament 21(2)tal-A.L. 79 tal-2006 emendat fi- SL 504.71.

Ukoll talli fi-istess gurnata ghall-habta tal- 10:3Ohrs fl-fond numru 16, 'Snowy Owl', Triq l-Imdina, Hal Kirkop, u ghall-habta ta' 11:30hrs fil-fond numru 3, Triq San Niklaw, Kirkop,

4. kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fi-iskeda II u fl-iskeda III (uhud inkluzi fi-Iskeda I) li ma kienux gew registrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fiz-zmien stipulat taht regolament 21(6) tar-regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Reg 21(5) ta' 1-A.L. 79 ta' 1-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71

Ukoll talli fl-istess gurnata ghall-habta tal- 10:30hrs fil-fond numru 16, 'Snowy Owl', Tnq l-Imdina, Hal Kirkop, u ghall-habta ta' 11:30hrs fil-fond numru 3, Triq San Niklaw, Kirkop, u ghall-habta ta' 12:15 hrs fil-fond 'Kajju Farmhouse', Triq Safi, Tal Gawhar l/o Safi u fil-jiem ta' qabel:

5. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li 1-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 ta' l-2006)( uhud inkluzi fi Skeda I), kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat ma' l-awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(l)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-Iskeda III, (uhud inkluzi fi Skeda I), meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi stat membru iehor fejn ikun jista jittiehed jew jinqabad leglment taht id-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta l-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak 1-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur kien migjub f'Malta wara 1-1 ta' Mejju 2004 bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L 79 of 2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71. 7.

7. Ukoll talli fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjun kif provdut fil-paragrafi (e) u (f) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (uhud mil-kamjuni inkluzi fi Skeda I), il-permessi, certifkati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon ta'

l-awtorità kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat, L.S 504.71

8. Ukoll talli fl-istess gurnata ghall-habta tal-11:30hrs fil-fond numru 3, Triq San Niklaw, Kirkop, u ghall-habta ta' 12:l5hrs fil-fond 'Kajju Farmhouse', Triq Safi, Tal Gawhar l/o Safi u fil-jiem ta' qabel:

9. Ma zammx fil-pussess tieghu u ghal dak iz-zmien li kien fiI- pussess tal-kampjuni importati ta' ghasafar hajjin jew mejtin jew xi artijiet li jistghu jintgharfu ta' xi ghasafar li huma mharsa taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, il-permessi, certifkati u dokumenti ohra kollha li jkunu ta' prova ghas-sodisfazzjon ta' l-awtoritâ kompetenti li dawn il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir regolamenti u dan bi ksur ta' Reg 6(3) tal- A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat L.S. 504.71

10. Kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li 1-importazzjoni taghhom taqa' taht ir-Regolamenti ta' 1-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora, minghajr ma zamm fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dawk 1-ezemplari kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li ghandhom x'jaqsmu ma' 1-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari u dan bi ksur ta' regolament 7 u reg 8(I)(p) tal-A.L. 236 ta' 1-2004.

11. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'kontravvenzjoni ta' din l-ordinanza importa jew dahhal, jew kellu x'jaqsam f'illi jigu mportati jew imdahhlin, f'Malta, oggetti li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-

importazzjoni taghhom hija limitata, b'kontravvenzjoni ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, sew jekk dawn 1-oggetti jkunu gew zbarkati kemm le; u dan bi ksur tal —Kap. 37 Art. 62(a)

12. Xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, u cioe' oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht 1-intestatura tal- HS 01.05; 01.06; 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05, jew ii ma hallsux dazju u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 62 ( tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-ligijiet ta' Malta).

13. Xjentement gie fil-pussess ta' oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, u cioe' oggetti li jaqghu taht it- Tieni Skeda tar- regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S 117.14 ) taht 1-intestatura tal- HS 01.05; 01.06; 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05 u dan bi ksur tab-Art. 62 (g) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta).

14. Xjentement kellu b' xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozitu jew habi ta' oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, u cioe' oggetti li jaqghu taht it- Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-importazzjoni (L.S 117.14 ) taht l-intestatura tal HS 01.05; 01.06; 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05, jew b'xi mod iddispona minn dawn l-oggetti, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvem minn dazju li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oggetti jew li tkun tghodd ghalihom u dan bi ksur ta' Artikolu 62 (h) tal-Ordinanza tad-Dwana (kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta)

15. Xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam, billi bil-qerq jitharrab jew jigi ittentat li jinharab xi dazju tad-Dwana, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana, dwar l-importazzjoni, il-hatt, it trasbord, l-izbark u l-kunsinna ta' l-oggetti, jew xi disposizzjoni ohra ta' l-Ordinanza tad-Dwana u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 62 (i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta)

16. Hajjar, ghin jew assista l-eghmil tar-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana u dan bi ksur t'Artikolu 62 (k) tal-istess Qrdinanza (Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

17. Talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti a' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula quddiem il-Magistrat Dr. A J.Vella LL.D. fis-seduta ta' 3.12.2008;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Ottubru, 2015 li biha, fuq ammissjoni sabet lill-impuat hati u kkundannatu multa ta' erbat elef ewro (€4,000), multa ta' sitt mitt ewro (€600) lid-dwana li terz minnhom huwa dovut bhala dejn civili kif ukoll multa ta' seba' mija u disgha u ghoxrin ewro u sittin centenzmu (€729.60) lil-VAT. Ordnat konfiska tal-ezebiti u sospensjoni tal-licenzja ghal hames (5) snin.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Ellul, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tvarja** s-sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel erbatax-il (14) imputazzjoni tilliberah mill-hmistax (15) il-wahda (dik tar-recediva), u **tvarjaha** wkoll fir-rigward tal-piena billi,

filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li fiha l-appellant kien kkundannat ghall-hlas ta' sitt mitt Ewro (€600) lill-Kontrollur tad-Dwana li terz minnhom huwa dovut bhala dejn civili, il-hlas ta' seba' mija u disgha u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€729.60) lill-Kummissarju tal-VAT u ordnat il-konfiska tal-ezebiti **tirriforma u tvarja** l-istess sentenza f'dik il-parti illi fiha kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) u ordnat is-sospensjoni tieghu mill-licenzji kollha mahruga taht S.L. 504.71 u Taqsima XV tal-Code of Police Laws u joghgobha tinfliggi multa izghar u perjodu ta' sospensjoni iqsar.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti f'dik il-parti fejn kien ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' €4000 u ghaz-zmien tas-sospensjoni tal-licenzja tieghu. Huwa jargumenta illi minkejja li kien rinfaccat bi 15-il imputazzjoni, r-reat huwa effettivament wiehed, li kien jibbalzma l-ghasafar minghajr licenzja u li ghalhekk il-piena hi wahda ezagerata u eccessiva;

2. Abbinat ma' din il-lanjanza, l-appellant jargumenta illi l-addebitu tar-recidiva ma tirrizultax ghaliex il-prosekuzzjoni naqset milli tezebixxi is-sentenza li hemm riferenza ghaliha fl-akkuza u li f'kull kaz japplika il-provvediment tal-artikolu

50 tal-Kodici Kriminali bi trapass ta' aktar minn 5 snin mid-data taghha. Izid jargumenta l-appellant illi l-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni bikrija kienu jintitolawh ghal-tnaqqis tal-piena bi grad;

3. Jibda biex jinghad illi l-appellant kien irregistra ammissjoni inkondizzjonata quddiem l-ewwel Qorti, inkluz ghalhekk dwar l-addebitu tar-recidiva. Huwa minnu illi l-prosekuzzjoni ma esebitx is-sentenza li dwarha allegat li l-appellant kien recidiv, izda l-addebitu huwa dwar sentenzi u mhux sentenza wahda u l-prosekuzzjoni kienet ezebiet il-fedina penali tieghu li tindika il-konnotati tal-istess appellant. Minn din il-fedina penali tirrizulta *inter* alia kundanna mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar kacca fl-istagun mghaluq tat-3 ta' Dicembru, 2008 u ohra tal-25 ta' Marzu, 2014 dwar nuqqas ta' zamma kif suppost ta' arma regolari jew munizzjon. Ta' dawn kienet ezebita ukoll ic-citazzjoni bil-konferma ta' sejbien ta' hitja u piena ffirmati mill-Magistrati decident. Il-kundanna tieghu tat-3 ta' Dicembru 2008 tirrientra fil-perjodu ta' hames snin prevvizti fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali sabiex jikkwalifika lill-appellant bhala recidiv bil-konsegwenzi kollha ravvizati fl-artikolu 49 u 50 tal-istess Kodici;

4. Il-ligi dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi kienet soggetta ghall-diversi tibdiliet matul is-snin. Dik applikabbli ghal-maggoranza tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat kien l-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat sal-2013 senjatament bl-Avviz Legali 341 tal-2013. Il-piena applikabbli ghal min jinsab hati ghall-ewwel darba kienet tal-multa ta' mhux anqas minn €500 u mhux izjed minn €5000 bis-sospensjoni tal-licenzja minn sena sa hames snin. F'kaz ta' sejbien ta' htija ghat-tieni darba multa minn €1000 sa

massimu ta' €10,000 u revoka permanenti tal-licenzja. Issa minkejja li l-appellant kien rregistra ammissjoni inkondizzjonata anke ghall-addebitu ta' recidiva, u minkejja li l-fedina penali tieghu turi li kien misjub hati diversi drabi f'reati kontra l-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, l-ewwel Qorti trattatu bhala hati ghall-ewwel darba fit-termini tar-regolament 27(2)(a) tal-LS 504.71 (llum 549.42) u ta' dan certament ma jistax jilmenta;

5. L-appellant ma ghandux ragun meta jghid illi kien jikkwalifika ghal-tnaqqis fil-piena ghaliex kien ikkoopera mal-pulizija u ghaliex kien rregistra ammissjoni bikrija. Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri tal-5 ta' Lulju 2002, inghad illi l-ammisjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Pero' fis-sentenza Il-Pulizija vs Emmanuel Testa (App Krim 17.07.2002) il-Qorti kienet iddeskriviet bhala "regoli generali" dawk li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni u taghmel referenza imbaghad ghas-sentenzi ghar-regoli generali mfissira fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi tal-24 ta' Frar, 2007;

6. Issa, tajjeb li jinghad ukoll illi l-appellant ammetta fl-ewwel seduta u ammetta ghall-kull imputazzjoni inkluz, kif tajjeb jirrileva l-abbli difensur tieghu, ghall-imputazzjonijiet alternattivi. Ghalhekk din il-Qorti ser tikkonsidra riduzzjoni fil-piena minghajr ma tizvesti n-natura serja tal-fatti ammessi inkluz li l-appellant instab fil-pussess ta' ghexieren ta' ghasafar protetti ibbalzmati jew fi stadju ta' balzmar. Fil-process tal-ikkalibrar mill-gdid tal-piena din il-Qorti sejra ukoll tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi mill-fedina penali tal-

appellant jidher car illu huwa ma ghandu ebda rispett lejn il-ligijiet li huma intizi ghall-harsien tal-ambjent;

7. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti li biha instab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ukoll f'dik il-parti li fih kien ikkundannat hlas ta' multa ta' €600 lid-Dwana li terz minnhom jitqies bhala dejn civili u €729.60 multa lill-VAT u f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-oggetti indikati. Thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-multa ta' €4000 u ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tieghu ghal-perjodu ta' hames snin u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €3000 u tissospendi l-licenzi tieghu ghal perjodu ta' erba snin li jibdew jiddekorru mil-lum;